Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Mejju 2017**
**(OR. en)**

**8716/17**
**ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2015/0283 (COD)**

**CODEC 704**
**CODIF 14**
**DRS 24**
**ETS 34**
**MI 366**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (kodifikazzjoni) **(L-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv<br>= Dikjarazzjoni |

**Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka**

1. Id-delegazzjoni Pollakka tilqa' l-adozzjoni tal-*Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji* (PE-CONS 57/16 "*Ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (kodifikazzjoni)*" (2015/0283 (COD) 2015/0283 (COD)), li jikkodifika, fost l-oħrajn, id-dispożizzjonijiet tad-*Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti* (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 74).

2. Id-*Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012* (riformulazzjoni) ħassret fost l-oħrajn l-Artikolu 6 (2) tat-*Tieni Direttiva tal-Liġi dwar il-Kumpaniji 77/91/KEE* li ddikjarat*: "2. Jekk l-ekwivalenti tal-unità Ewropea ta' kont fi flus nazzjonali hija mibdula hekk li l-valur tal-kapital minimu fi flus nazzjonali jibqa' inqas minn 22 500 unitajiet Ewropej ta' kont għal perjodu ta' sena, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru interessat illi huwa għandu jemenda l-leġislazzjoni tiegħu biex iħares paragrafu 1 fi żmien tnax-il xahar wara l-għeluq ta' dak il-perjodu. Iżda, l-Istat Membru jista' jiddisponi li l-leġislazzjoni emendata ma għandhiex tapplika għal kumpanniji li diġà jeżistu sa tmintax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tagħha".*

3. Għal dik ir-raġuni, fi żmien l-adozzjoni tad-*Direttiva 2012/30/UE,* fit-28 ta' Settembru 2012 saret dikjarazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u mill-Kunsill (Dokument tal-Kunsill Nru 14263/12) u ġiet inkluża fil-minuti tal-COREPER u tal-Kunsill. Dik id-dikjarazzjoni konġunta taqra kif ġej: "*L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 77/91/KEE indirizza fost oħrajn il-volatilità qasira tal-muniti nazzjonali kontra l-Unità Monetarja Ewropea (ECU) u ż-żmien meħtieġ għal adattament leġislattiv fejn meħtieġ. Meta tiġi eżaminata l-konformità mal-Artikolu 6(1) ser jittieħed kont debitu ta' dawk il-kondizzjonijiet."*

4. Meta wieħed jikkunsidra li skont il-*Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġislattivi (96/C 102/02),* fil-proċedura ta' kodifikazzjoni l-ebda bidla sostantiva ma tiġi introdotta fl-atti li għandhom jiġu kodifikati, id-delegazzjoni Pollakka tixtieq tissottolinja li d-dikjarazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u l-Kunsill li saret fit-28 ta' Settembru 2012 ma tiġix affettwata mill-kodifikazzjoni u għalhekk għandha tkompli tiggwida l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni, fir-rigward tal-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali minimi għal kumpaniji f'dawk l-Istati Membri, li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, tal-Artikolu 45(1) tad-*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (kodifikazzjoni)*, li għandu jissostitwixxi l-Artikolu 6(1) tad-*Direttiva 2012/30/UE*.